MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 734/2006

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Frank Dimech u Alexandra Dimech**
**Karta ta' l-identita numru 438447(M)**
**u 227357(M) rispettivament)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

Illi l-konvenuti, bhala garanti solidali tas-socjeta' Green Apple Advertising Agency Limited (u dan skond kopja tal-

garanziji relattivi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. HSBC 1 u 2 rispettivament), huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm12,296.48 liema ammont huwa dovut in kwantu ghall-ammont ta' Lm9,839.90 fuq facilita' t'overdraft skond skrittura privata (kopja taghha hawn annessa u mmarkata bhala Dokument HSBC 3) u in kwantu ghall-ammont ta' Lm2090.46

imghax fuq l-istess facilita', kif ukoll Lm223.71 (€521.10) rapprezentanti l-ammont dovut wara li dan l-ammont gie avanzat lill-intimati fuq Euro Card flimkien ma' Lm88.41(€205.94) imghax fuq l-istess Euro Card u dan kif jirrizulta mill-istatements hawn annessi u mmarkati Dokument HSBC 4 u 5 rispettivament.

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut permezz tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru 2003 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata bhala Dokument HSBC 6) il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob li din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tnax -il elf mitejn u disghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm12,296.48) (€28,643.09) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru 2003 u tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-**risposta tal-intimati** a fol. 25 tal-process fejn esponew:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-intimati huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu

michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi l-ammont pretiz mill-istess socjeta' attrici kien kopert b'numru ta' kambjali li jkopru l-ammont kollu u liema kambjali kienu mahruga mill-kumpanija Green Apple Advertising Agency Limited u accetati mis-socjeta' PJ Sutters Limited, u girati mill-istess socjeta' Green Apple Advertising Agency Limited a favur tas-socjeta' attrici;

2. Illi dawn il-kambjali kienu u ghadhom fil-kustodja tas-socjeta' attrici, u qatt ma gew ritornati lill-intimati, u dan kontra l-kundizzjonijiet espressi ta' ftehim 'Form of Charge For Advances Against Bills of Exchange' (Dok HSBC 3 anness mar-rikors tas-socjeta' attrici);

3. Illi s-socjeta' attrici qatt ma hadet passi sew direttament, kif ukoll tramite l-istralcjarju tal-kumpanija Green Apple Advertising Agency Limited appuntat mill-kredituri tal-kumpanija, nkluz l-istess socjeta' attrici, biex il-bilanci dovuti lill-istess kumpanija minghand is-socjeta' PJ Sutters Limited jigi rkuprat, kif l-istess socjeta' attrici kellha l-obbligi li taghmel.

4. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat l-atti tal-kawza 2205/00JRM;
Rat in-noti tal-partijiet;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Fatti mhux kontestati**

Illi f'dina l-kawza s-socjeta rikorrenti qed titlob il-hlas ta' kreditu minghand l-intimati bhala garanti solidali mad-debitur principali li ma hallasx

Il-bank rikorrenti qed jibbaza t-talba tieghu fuq garanzija moghtija mill-intimati li giet ikkonfermata permezz ta' zewg skritturi, wahda tat-2 ta' Gunju 1998 dokument a fol 33, u ohra tal-31 ta' Lulju tan-1998 dok. a fol 37. Fit 12 ta'

Awissu 1998 giet konsolidata l-posizzjoni permezz ta’ att pubbliku fl-atti tan-nutar Dr Clyde La Rosa (Dok a fol 41).

Mhux kontestat mill-intimati li l-garanziji huma validi u lanqas ma hu kontestat li l-ammont mitlub fir-rikors per se hu dovut.

**Fatti tal-kaz**

Il-fatti li taw lok ghal dina l-vertenza huma s-segwenti. Il-bank rikorrent kien avvanza kreditu f’perjodi u ammonti differenti lis-socjeta Green Apple Advertising Ltd li taghha l-intimati kienu diretturi u dan wara li din is-socjeta kienet iddawwar kambjali mahruga minnha lill-PJ Sutters Ltd favur is-socjeta rikorrenti. L-intimati Dimech dahlu garanti favur il-bank ghall-kreditu moghti lill Green Apple Advertising Ltd. Izda s-socjeta Green Apple tqeghdet fi stralc fi Novembru 1999 u fost id-debituri kien hemm PJ Sutters li kellha thallas lill Green Apple somma koperta b’kambjali li kienu gew girati favur il-bank u ‘ssa l-bank qed jitlob il-flus minghand il-garanti, cjoe l-intimati, billi meta huma pprocedew kontra PJ Sutters kellhom icedi l-kawza stante li l-kambjali prezentati fil-kawza ma kienux iffirmati mill-intimati. Il-kambjali baqghu ghand il-bank ghax l-intimati bhala garanti ma hallsux l-ammont dovut.

**Eccezzjonijiet u kontestazzjoni**

L-intimati qed jeccepixxi li

1. It-talbiet tar-rikorrenti kienu koperti b’numru ta’ kambjali li jkopru l-ammont kollu u liema kambjali kienu mahruga mill-kumpanija Green Apple Advertising Agency Limited u accettati mis-socjeta’ PJ Sutters Limited, u girati mill-istess socjeta’ Green Apple Advertising Agency Limited favur is-socjeta’ rikorrenti.

L-intimati jsostnu li l-kambjali kienu r-raguni ghas-self li fuqhom saret il-garanzija. Inoltre jikkontendu li l-ftehim kien li jekk il-bank ma jigborx il-hlasijiet minghand id-

debitur tal-kambjali, cioe` PJ Sutters, u jdur fuq il-klijent, hu kellu jirritorna l-kambjali lill-garanti biex ikun jista jdur fuq id-debitur biex jithallas. L-intimati jghidu li huma kienu talbu l-kambjali lill bank izda dana minghajr raguni valida ma rritornahomx u kien biss fil-mori tal-kawza li rritornahom snin wara meta l-actio kambjarja favurihom fil-konfront ta' PJ Sutters kienet preskritta L-intimati nsistew li biex jirritorna l-kambjali, l-bank kien qed jinsisti li jaghmlu kostituzzjoni ta' debitu izda huma ma kienux lesti li jhallsu qabel ma l-bank jaghtihom lura l-kambjali. L-intimati jissottomettu wkoll li l-kambjali ma kienux garanzija, imma dawn gew girati favur il-bank u mhux depositati ghalhekk il-bank sar kreditur fuq dawk il-kambjali li gew girati favurih.

Min-naha l-ohra s-socjeta rikorrenti tissottometti li l-intimati kienu garanti in solidum mad-debitur principali u li l-garanzija li nghatat kienet obbligazzjoni separata u indipendenti mill kambjali u meta ma sarx il-hlas mid-debitur principali fuq dawn il-kambjali, huma kellhom dritt li jduru kontra l-garanti ghall-hlas.

Dwar il-kwistjoni li l-actio kambjarja llum hija preskritta, ir-rikorrenti jissottomettu li l-intimati ghad fadallhom azzjoni ghall-*underlying credit*, ghalhekk mhux veru li llum l-intimati ma jistghu jaghmlu xejn b'dawn il-kambjali.

Inoltre permezz ta' ittra esebita a fol 152 tat-10th of March 2001 l-intimati permezz tal-Avukat taghhom kienu ddikjaraw li "my client will pay the bank by subrogation".

2. Fit-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati qed ighidu li l-kambjali in kwistjoni kienu fil-kustodja tas-socjeta' rikorrenti, u qatt ma gew ritornati lill-intimati, u dan kontra l-kundizzjonijiet espressi tal-ftehim *'Form of Charge For Advances Against Bills of Exchange'* (Dok HSBC 3 a fol 12).

Skond l-intimati l-ftehim jistipula car illi sabiex l-intimati ihallsu l-ammont dovut fuq il-kambjali mhux imhallsa, l-kambjali kellhom l-ewwel jigu ritornati u wara jinbidlu

b'kambjali ohra jew jithallas l-ammont. Dan ma sarx ghalhekk il-bank ma setghax jitlob il-hlas minghand l-intimati.
Is-socjeta rikorrenti tikkontendi li l-kambjali ma setghux jigu ritornati, ghax id-debitur principali ma wasalx ghall-hlas. Kieku il-garanti hallas hu setgha jigi ssurrogat fid-drittijiet tal-bank inkluz fil-kambjali izda hu ma hallasx, allura l-kambjali baqghu l-ewwel ghand il-bank u issa gew esebiti l-Qorti fuq talba ta' l-intimati. Inoltre il-bank ma setghax jirritorna l-kambjali ghax id-debitur principali kien ghaddej fi stralc.

3. Fit-tielet eccezzjoni l-intimati qed ighidu li s-socjeta' rikorrenti qatt ma hadet passi biex il-bilanci dovuti lill-istess kumpanija minghand is-socjeta' PJ Sutters Limited jigi rkuprati, kif l-istess socjeta' rikorrenti kellha l-obbligu li taghmel la darba l-kambjali gew girati favur taghha.

Inoltre l-intimati jissottomettu li l-bank kien accetta l-kambjali (mhux iffirmati) u kontrihom avanza l-flus, ghalhekk l-intimati mhumiex responsabbili jekk is-socjeta rikorrenti qabdet u cediiet il-kawza kontra P.J.Sutters. L-intimat jichad li hu ffirma l-kambjali meta l-kumpanija kienet fi stralc billi dak iz-zmien il-kambjali kienu ghadhom ghand il-bank. Hu jikkontendi li l-bank messu staqsih x'kien ghamel u mhux jaqbad u jcedi l-kawza.

Min-naha l-ohra s-socjeta rikorrenti ezebit kopja ta l-atti tal-kawza l-ohra 2205/2000 minn fejn jirrizulta li fil-fatt huma kienu hadu passi kontra P.J.Sutters u rrizulta li l-kambjali kienu nulli billi ma kienux ffirmati mill-intimati. Huma jghidu li meta sabu li dawn il-kambjali ma kienux iffirmati xi hadd mill-bank kien talab lill intimat biex jiffirma l-kambjali meta fil-fatt dana ma setghax jiffirma ghax il-kumpanija kienet fi stralc.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-intimati kienu ffirmaw zewg garanziji lis-socjeta rikorrenti, wahda ghal Lm 10,000 u ohra ghal Lm 5000 kif

ukoll kienu ggarantew in-negozju li kien ghaddej b'kambjali.

Il-kawza odjerna saret mir-rikorrenti kontra l-intimati a bazi ta' dawn il-garanziji billi l-intimati kienu dahlu garanti solidali tas-socjeta Green Apple Advertising Agency Ltd.

L-intimati jsostnu li l-kambjali kienu r-raguni ghas-self li fuqhom saret il-garanzija u tnejn ma jistghux jigu separati. Il-Qorti pero' hi tal-fehma li dawn il-kambjali kienu separate, distinti u indipendenti mill-obbligazzjoni li l-intimati kienu ntrabtu biha bil-garanziji l-ohra kif fuq imsemmija. Kif jinghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet: Borg vs Spiteri et deciza fis 6 ta' Dicembru 1999 "Hija rrilevanti l-intenzjoni tal-partijiet meta saret il-garanzija. Li hu importanti hu jekk l-garanzija inghatax ghal hwejjeg kummercjali indipendentement mill-fatt tar-raguni li pprovokat il-garanzija jew li geghlet lill-persuna li dahlet garanti li tassumi tal-obbligu"

Fil-kaz in ezami l-intimati kienu garanti solidali u mhux garanti in subsidium u ghalhekk il-bank rikorrent kellu l-ghazla lill min iharrek. Skond l-artikolu 1941 tal-Kodici Civili : *Il-garanti, fi hwejjeg tal-kummerc, meta ma jkunx hemm ftehim xort'ohra, jitqies dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur.* Dan ifisser li jekk jirrizulta pruvat li l-garanzija favur id-debitur kienet saret fil-kontest ta' negozju naxxenti minn operazzjoni kummercjali, il-ligi tippresumi li l-garanzija hija in solidum. Jispetta ghalhekk lill-intimati li jaghmlu l-prova li l-garanzija moghtija ma kienitx ghal hwejjeg li ma kienux tal-kummerc, u fin-nuqqas tirbah il-presunzjoni tal-ligi li tali garanzija kienet wahda solidali. Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-garanziji inghataw ghal skop kummercjali ghalhekk ghandha tirbah il-presunzjoni tal-ligi li l-garanzija hija wahda solidali.

In vista ta' dina l-konkluzzjoni japplika l-artikolu 1935 (b) tal-Kodici Civili li jipprovvdi li l-beneficcju ta' l-eskuzzjoni ma jghoddx jekk il-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur. Imma anke kieku, il-beneficcju ta' l-eskuzzjoni mhux ta' essenza ghall-kuntratt ta' garanzija. Fil-fatt li hu essenzjali hu li d-debitur ma jkunx adempixxa

l-obbligu tieghu u b’hekk il-kreditur ikun jista’ jmexxi kontra l-garanti. Il-benficcju ta’ l-esekuzzjoni hija biss difiza li tista’ titqajjem mill-garanti imma mhiex l-element kostituttiv tal-garanzija.

L-intimati qed jeccepixxu wkoll li s-socjeta attrici ma harkitx lid-debitur principali ghad dejn dovut. Jirrizulta bhala fatt pero’ li effettivament is-socjeta rikorrenti kienet harrket lid-debitur principali b’azzjoni kambjarja izda kellha ccedi l-kawza billi rrizulta li l-intimati ma kienux iffirmaw il-kambjali.

Il-Qorti tirrileva pero’ li s-socjeta rikorrenti ma kienitx obbligata li tagixxi gudizzjarjament kontra d-debitur principali qabel ma tagixxi kontra l-intimati bhala l-garanti.

Skond il-gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati, kreditur mhux obligat li jaghmel atti gudizzjarji u proceduri esekuttivi kontra d-debitur tieghu qabel ma jdur kontra l-garanti ghall-hlas. Difatti l-ligi tassoggetta l-garanti lejn il-kreditur bil-fatt biss li d-debitur ma jkunx adempixxa l-obbligu tieghu, u ma tirrikjedix illi l-kreditur ma jkunx irnexxielu jottjeni dak l-adempiment mid-debitur; u ghalhekk huwa bizzejjed li l-kreditur juri bil-provi li d-debitur baqa’ inadempjenti, u ma hemmx bzonn li jharrek fil-kawzi anki l-istess debitur. (ara sentenzi Vol X11 p 456; Vol XL p1 p 119 Bonello vs Magro et; Vol XXV1 p1 p 28 u artikoli 1925, 1934 u 1935 (b).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-rikorrenti wrew bil-provi li d-debitur principali kien baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellhom kull dritt li jduru fuq il-garanti. Dak li gara fil-kawza kontra P.J.Sutters (kambjali ffirmati jew le) hu rrilevanti billi r-rikorrenti ma kienux obbligati jipprocedu gudizzjarjament kontra taghhom.

Dwar il-fatt li l-bank ma rritornax il-kambjali jirrizulta li l-bank kien qed jinsisti li l-ewwel jithallas imbaghad jirrilaxxja l-kambjali. Inoltre kien hemm diffikolta’ ulterjuri ghal bank billi l-kumpanija kienet fi stralc u l-likwidatur kien anke rrezenja. Ta’ min jinnota wkoll f’dan ir-rigward li

permezz ta' ittra esebita a fol 152 tat-10 ta' Marzu 2001 l-intimati permezz tal-Avukat taghhom kienu accettaw li *"my client will pay the bank by subrogation"*, izda fil-fatt pagament qatt ma sar. L-intimati dejjem kien baqghalhom *l-option* li jekk l-azzjoni kambjarja ma setghetx tigi ezercita, huma setghu jfittxu ghall-obbligazzjoni li ggeneraw dawk il-kambjali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti, prevja li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimati;
Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti;
Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' tnax-il elf mitejn u sitta u disghin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm12,296.48) ekwivalenti ghall-€28,643.09
Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri skond il-Ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------